Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Novembru 2025
(OR. en)

16025/25
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0101 (COD)**

JAI 1797
ASILE 114
ASIM 85
CODEC 1937

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta’ lista ta’ pajjiżi ta’ oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni<br>*- Approċċ ġenerali*<br>*- Dikjarazzjoni mill-Ungerija* |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ungeriża b'rabta mar-Regolament imsemmi hawn fuq.

**ANNESS**

**Proposta għal**

**Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni**

**Dikjarazzjoni mill-Ungerija**

L-Ungerija ttenni r-riżervi serji tagħha rigward il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Fil-kuntest tal-lista tal-Unjoni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, l-Ungerija dejjem irrakkomandat l-inklużjoni awtomatika ta' pajjiżi kandidati eliġibbli fil-lista tal-Unjoni. Nemmnu li din l-inklużjoni għandha tkun awtomatika, mingħajr ma jiġu imposti rekwiżiti addizzjonali fuq il-pajjiżi kandidati biex jibqgħu fil-lista.

Għalhekk, l-Ungerija jiddispjaċiha li t-test ta' kompromess de facto jistenna li l-pajjiżi kandidati eliġibbli jissodisfaw kundizzjonijiet aktar stretti minn pajjiżi terzi oħra elenkati fl-Anness.

L-Ungerija temmen li l-elenkar tal-pajjiżi kandidati eliġibbli kien ikun l-aktar approċċ legalment għaqli, li jevita l-ħolqien ta' kumplikazzjonijiet addizzjonali u jittratta lill-pajjiżi kandidati eliġibbli b'mod ġust.

Għaldaqstant, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-approċċ ġenerali.